minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

# Winter Moods magħżula ma' mijiet ta' artisti internazzjonali

Hard Rock Café għażlu lill-grupp Malti Winter Moods biex jingħaqad ma' mijiet ta' artisti internazzjonali u jkun esebiti fl-istabbilimenti tagħhom. Memorabilia ta' Winter Moods se tkun esebita f'Hard Rock Café u l-*videos* tal-grupp se jintwerew fuq il-music channel tal-Café's.

Waqt konferenza stampa f'Hard Rock Café Malta li saret ftit tal-jiem ilu, Winter Moods ippreżentaw il-kitarra bajda użata fil-*video* tad-diska tagħhom *Marigold*, kif ukoll il-qmis bis-salib ta' Malta li libes Ivan Grech waqt il-kunċert memorabbli li sar fuq il-Fosos tal-Furjana tliet snin ilu, meqjus għall-Winter Moods bħala l-isbaħ lejl ta' ħajjithom.

Fid-diskors tiegħu, Adolf Vella, *Sales and Marketing Manager*, Hard Rock Café, Malta qal, "aħna onorati li Winter Moods huma l-ewwel grupp Malti magħżul biex jikkontribwixxi għall-kollezzjoni ta' memorabilja ta' Hard Rock Café flimkien mal-aqwa mużiċisti tad-dinja."

Min-naħa tiegħu, il-*front man* tal-band Ivan Grech qal li Hard Rock Café jgħaqqad l-aqwa mużika minn madwar id-dinja "u aħna onorati li se ningħaqdu ma' wħud mill-idoli tagħna biex nagħmlu parti mill-familja ta' Hard Rock Café."




*Il-membri tal-band Wintermoods, issa b'rikonoxximent prestiġjuż minn Hard Rock Café*

Is-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali Josè Herrera kien preżenti għall-avveniment u qal li l-kisbiet mużikali ta' Winter Moods mis-snin tmenin sa issa huma notevoli ħafna. Huma raw ix-xena mużikali tevolvi u kibru, avvanzaw u evolvew maż-żminijiet.

"Il-mużika tagħhom daħlet f'qalbna u akkompanjatna matul ħajjitna. Huwa bi pjaċir kbir li qed narawhom jirċievu dan ir-rikonoxximent internazzjonali għall-ħidma tagħhom."

Il-kitarra ffirmata u l-qmis se jkunu esebiti fil-Hard Rock Café ta' San Ġiljan u Hard Rock Bar fil-Valletta Waterfront. Il-*band* ta wkoll poster tal-album tiegħu *Butterfly House* li jinkludi l-firma tal-eks kitarrista Steve Caruana Smith li miet f'Ottubru tas-sena l-oħra.

Waqt is-serata, Winter Moods ta kunċert intimu li inkluda wħud mill-ikbar suċċessi tiegħu, fosthom *Marigold*, *My Neverland* u *Hang On To Your Smile*.

Hard Rock Café Malta se jagħti s-sapport lil Winter Moods fil-kollaborazzjoni reċenti ma' Puttinu Cares.

Is-CD tal-grupp, li tinkludi *Miss You* ma' Joseph Calleja u d-diska klassika Maltija *Xemx*, tista' tinkiseb mill-Hard Rock Café Rock Shops tal-Valletta Waterfront u mill-kumpless turistiku ta' Bay Street għal donazzjoni ta' €5.




## 'Stick No Bills' – *video* b'messaġġ soċjali minn Footprints

Il-*video* mużikali ġdid *Stick No Bills*, li għadu kemm tnieda mill-grupp Footprints, jgħaddi messaġġ pożittiv biex qatt ma niġġudikaw u nagħtu ċ-ċans lil min sfortunatament waqa' fil-vizzju tad-droga.

L-istorja f'dan il-video, b'direzzjoni ta' Take Two, turi r-realtà tal-ħajja bejn żewġt iħbieb li jabbużaw mid-droga u t-triqat li huma għażlu f'ħajjithom.

*Stick No Bills* hu l-messaġġ miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ li permezz tal-mużika jgħaqqad l-għarfien dwar il-ħidma sfiqa li ssir ma' dawk li jkunu għaddejjin minn problemi.

L-idea tal-grupp Footprints, li ilu fix-xena lokali b'mużika rock kristjana mis-sena elfejn, nibtet meta kienu mistiedna fiċ-Ċentru ta' San Blas.

Dettalji dwar dan il-proġett li kien finanzjat b'fondi mill-*Youth in Action Programme*, b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Sedqa u l-Aġenzija Żgħażagħ, tħabbru waqt it-tnedija li saret is-Sibt, 11 ta' Mejju, f'Dar l-Ewropa, il-Belt.

Il-konferenza tal-aħbarijiet kienet indirizzata mill-Ministru Marie Louise Coleiro Preca, is-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo, Sina Bugeja, Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali u Miriam Teuma, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Żgħażagħ.

Parti minn dan il-proġett jinkludi wkoll avvenimenti ta' żewġ kunċerti mill-grupp li se jittellgħu llum fis-7 p.m. fi Ġnien l-Indipendenza, f'Tas-Sliema u fit-23 ta' Ġunju, f'Birżebbuġa.

## Jirritornaw Chris u Moira b'diska ġdida




L-aħħar diska li kienu tawna Chris u Moira kienet *Save me Tonight* li ħarġet fl-2008, silta li biha kienu marru tajjeb ħafna mar-radjijiet lokali u li kompliet issaħħaħ il-popolarità ta' dan il-grupp fi ħdan ix-xena lokali.

Għalkemm f'dawn l-aħħar snin ftit konna qed nisimgħu bihom, ma jfissirx li ma kinux attivi mużikalment, anzi għall-kuntrarju, huma kienu qed iqattgħu ħafna ħin fl-istudjo, jiktbu u jirrekordjaw materjal ġdid.

F'dawn l-aħħar snin ukoll, Chris u Moira ma baqax aktar duo, biż-żieda ta' Billy B fuq il-*bass guitar* u Philip Borg Barthet fuq id-*drums*, mużiċisti bi profil.

Il-frott tal-ħidma tagħhom tul l-aħħar ħames snin hu l-album il-ġdid li bħalissa għaddej mill-aħħar irtokki hekk kif qed jiġi pjanat il-jum tat-tnedija tiegħu.

Xi jiem ilu, Chris u Moira varaw diska ġdida bl-isem ta' *Flight 170*, li biha huma qed jifthu kapitlu ġdid fil-karriera suċċessiva tagħhom. "Id-diska nkitbet minn perspettiva umoristika, speċi ta' meta wieħed ikun irid jibgħat lil xi ħadd isaqqi 'l-ħass tal-Marsa' minflok il-lirika romantika tas-soltu," qalet Moira f'kumment dwar it-tema tad-diska.

Chris jikkumenta hekk: "Ċert li se jkun hemm min ma jassoċjax *Flight 170* mal-istil li soltu jafuna bih. Fil-fatt, din hi wkoll totalment differenti mill-kumplament tal-album, li nista' ngħid hu aktar stil 'tagħna', iżda bi ħsejjes innovattivi u li jagħtuh xejra friska."

Id-diska *Flight 170* tista' tindaqq fuq il-paġna tal-*YouTube* ta' *Chris and Moira*. Wieħed jista' wkoll jixtriha minn fuq *iTunes*. Għal aktar informazzjoni, żuru l-paġna *Facebook* ta' *Chris and Moira*.